2024/1400

24.5.2024

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1400

## tat-13 ta' Marzu 2024

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 139/2014 fir-rigward tas-sikurezza tal-ajrudromi, il-bidla fl-operatur tal-ajrudrom u r-rapportar dwar l-okkorrenzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi, inkluż l-immaniġġjar, l-operat, iċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tagħhom.

(2) F'każ li operatur tal-ajrudrom iċċertifikat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 139/2014 iwaqqaf l-operazzjonijiet tiegħu u operatur ġdid tal-ajrudrom jassumi l-kontroll, il-bidla jenħtieġ li ssir b'mod li jiżgura tranżizzjoni sikura u bla skossi tal-operazzjonijiet tal-ajrudrom.

(3) Is-sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi tal-operaturi tal-ajrudromi u tal-forniturі tas-servizzi tal-immaniġġjar tar-rampa jenħtieġ li tiġi allinjata mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dawk ir-regolamenti.

(4) Meta l-operaturi tal-ajrudromi jkunu jipprovdu wkoll servizzi tat-traffiku tal-ajru, ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-konformità jenħtieġ li jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([4]) sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità skont sistema unika ta' mmaniġġjar.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 jirrikjedi li l-operaturi tal-ajrudromi jistabbilixxu u jmexxu programmi ta' sikurezza u kumitati ta' sikurezza. Barra minn hekk, id-Dokument 9981 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO") "Procedures for Air Navigation Services — Aerodromes" żied dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' dawn il-kumitati. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet għall-funzjonament tat-timijiet għas-sikurezza tar-runway lokali u ta' kumitati oħra għas-sikurezza tal-ajrudromi jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jirriflettu dawk l-iżviluppi fil-livell tal-ICAO.

(6) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi pjan għat-tneħħija tal-inġenji tal-ajru diżabilitati sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, u biex jiġi żgurat l-aċċess għar-riżorsi u t-tagħmir.

(7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni minimi fir-rigward tas-sikurezza fix-xogħlijiet tal-ajrudrom abbażi tal-Prattiki Standard u Rakkomandati tal-ICAO u l-investigazzjoni tal-okkorrenzi tas-sikurezza, għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit proċess għall-immaniġġjar tas-sikurezza fix-xogħlijiet tal-ajrudrom, li jinkludi l-awtorizzazzjonijiet, in-notifiki, il-miżuri tas-sikurezza, is-sorveljanza u l-kontroll.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/139/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/376/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/373/oj).

(8) Ir-runways u t-taxiways, jew partijiet minnhom, li jingħalqu temporanjament jew b'mod permanenti, jenħtieġ li jiġu mmarkati kif xieraq sabiex jiġi evitat li jintużaw mill-inġenji tal-ajru.

(9) L-użu tal-ajrudrom minn inġenju tal-ajru li jaqbeż il-karatteristiċi tad-disinn iċċertifikati tal-ajrudrom jenħtieġ li jiġi vvalutat u jenħtieġ li tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti sabiex jiġi żgurat li r-riskji għas-sikurezza jiġu kollha vvalutati u mitigati kif xieraq.

(10) Il-postijiet fiż-żona ta' moviment li kellhom jew li għandhom riskju potenzjali ta' kolliżjoni jew inkursjonijiet fuq ir-runway jenħtieġ li jiġu identifikati u ddeżinjati bħala "hotspots" u r-riskji assoċjati jenħtieġ li jittaffew sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' inkursjoni fuq ir-runway kif ukoll ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-inġenji tal-ajru u bejn l-inġenji tal-ajru u l-vetturi.

(11) Is-sospensjoni jew l-għeluq tal-operazzjonijiet tar-runway jenħtieġ li jitwettqu b'mod sikur u kkoordinat, u għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti u implimentati proċeduri xierqa mill-operatur tal-ajrudrom.

(12) Il-bankini tista' ssirilhom il-ħsara meta jintużaw b'mod eċċessiv minn inġenji tal-ajru tqal, għalhekk għandhom jiġu stabbiliti proċeduri xierqa għall-operazzjonijiet b'tagħbija żejda biex jirregolaw l-operat tal-inġenji tal-ajru bħal dawn u biex jipprevjenu d-degradazzjoni eċċessiva tal-bankini.

(13) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(14) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla skossi tal-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament filwaqt li s-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni tinżamm f'livell għoli u uniformi, l-industrija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għall-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li jibda japplika 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) Nru 139/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Id-DAAD meħmuż maċ-ċertifikat għandu jiġi ttrasferit lill-operatur tal-ajrudrom il-ġdid li l-operat tal-ajrudrom għandu jiġi ttrasferit lilu, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3.";

(2) L-Annessi I, II, III u IV huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Data tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn l-24 ta' Mejju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (4a) li ġej:

"(4a) "id-densità tat-traffiku [tal-ajrudrom]" tfisser in-numru ta' movimenti fl-eqqel siegħa medja u hija l-medja aritmetika matul is-sena tan-numru ta' movimenti kuljum fl-eqqel siegħa tat-traffiku:";

(b) jiddaħħal il-punt (19b) li ġej:

"(19b) hotspot" tfisser post fuq żona ta' moviment tal-ajrudrom li kellha jew li għandha riskju potenzjali ta' kolliżjoni jew ta' inkursjoni fuq ir-runway, u huwa neċessarju li meta jkunu fuqha, il-bdoti jew is-sewwieqa joqogħdu aktar attenti;";

(c) il-punt (47) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(47) il-kundizzjonijiet taċ-ċertifikat" tfisser dan li ġej:

— l-indikaturi tal-post tal-ICAO;

— il-kundizzjonijiet għall-operat (VFR/IFR, il-jum/il-lejl),

— l-operazzjonijiet bl-ajruplani fuq runways tax-xitwa ppreparati apposta,

— ir-runway — distanzi ddikjarati,

— it-tipi ta' runway u avviċinamenti previsti;

— il-kodiċi ta' referenza tal-ajrudrom;

— l-ambitu tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru li jaqbżu l-karatteristiċi ċċertifikati tad-disinn tal-ajrudrom;

— il-provvista tas-servizzi tal-immaniġġjar tar-rampa (iva/le);

— il-livell ta' protezzjoni fejn jidħol is-salvataġġ u t-tifi tan-nar;";

(2) l-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt ADR.AR.C.035, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) L-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ iċ-ċertifikat(i) msemmija fil-punt (b) meta l-operatur tal-ajrudrom ikun wera konformità mal-punti ADR.OR.B.025 u ADR.OR.E.005 b'mod li jissodisfa lill-Awtorità Kompetenti. Meta l-operatur tal-ajrudrom jinbidel, l-operatur tal-ajrudrom il-ġdid ma għandux ikun meħtieġ juri konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ADR.OR.B.025(a)(1) u fil-punt ADR.OR.E.005, jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu jikkonċernaw elementi li jibqgħu l-istess.";

(b) jiżdied il-punt ADR.AR.C.060 li ġej:

"**ADR.AR.C.060 Bidla fl-operatur tal-ajrudrom**

Malli tirċievi applikazzjoni għall-bidla fl-operatur tal-ajrudrom, f'konformità mal-punt ADR.OR.B.060, l-Awtorità Kompetenti għandha:

(a) toħroġ iċ-ċertifikat(i) ġdid/ġodda f'konformità mal-punt ADR.AR.C.035;

(b) tirrevoka ċ-ċertifikat(i) preċedenti.";

(3) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt ADR.OR.B.060 li ġej:

"**ADR.OR.B.060 Bidla fl-operatur tal-ajrudrom**

(a) L-operatur attwali tal-ajrudrom għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti bid-data meta jkun se jseħħ it-trasferiment.

(b) L-operatur il-ġdid li lilu għandu jiġi ttrasferit l-operat tal-ajrudrom, għandu japplika mal-awtorità kompetenti għal ċertifikat qabel id-data meta jkun se jseħħ it-trasferiment, f'konformità mal-punt ADR.OR.B.015.

(c) L-operatur il-ġdid li l-operat tal-ajrudrom għandu jiġi ttrasferit lilu, għandu juri konformità, f'konformità mal-punt ADR.OR.B.025. L-operat il-ġdid tal-ajrudrom ma għandux ikun meħtieġ juri konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ADR.OR.B.025(a)(1) u fil-punt ADR.OR.E.005, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jikkonċernaw elementi li jibqgħu l-istess.";

(b) il-punt ADR.OR.C.030 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ADR.OR.C.030 Rapportar ta' okkorrenzi**

(a) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħha, l-operatur tal-ajrudromi għandu jistabbilixxi u jżomm sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi, inkluż ir-rapportar obbligatorju u volontarju. L-operatur tal-ajrudromi għandu jiżgura li s-sistema tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u tar-Regolament (UE) 2018/1139, kif ukoll mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dawk ir-Regolamenti.

(b) L-operatur tal-ajrudrom għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti u lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra li teħtieġ tkun infurmata mill-Istat Membru bi kwalunkwe avveniment jew kundizzjoni relatata mas-sikurezza li tipperikola jew li, jekk ma tiġix ikoreġuta jew indirizzata, tista' tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra, u b'mod partikolari kwalunkwe aċċident jew inċident serju.

(c) Minbarra r-rapporti ppreżentati f'konformità mal-punt (b), l-operatur tal-ajrudrom għandu jirrapporta kwalunkwe ħsara, difett tekniku, qbiż tal-limitazzjonijiet tekniċi, okkorrenza jew ċirkostanza irregolari oħra li pperikolat jew li setgħet ipperikolat l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra, li ma rriżultatx f'aċċident jew f'inċident serju lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli mid-disinn tat-tagħmir tal-ajrudrom.

(d) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, ir-rapporti msemmija fil-punt (c) għandhom:

(1) isiru malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li l-operatur tal-ajrudrom ikun sar jaf bl-avveniment jew il-kundizzjoni li għalihom jirreferi r-rapport, sakemm ma jinqalgħux ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jippermettux li jsir hekk;

(2) isiru fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti.

(3) jkun fihom l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-operatur tal-ajrudrom.

(e) Minkejja r-Regolament (UE) Nru 376/2014 u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, għar-rapporti meħtieġa mill-punt (c), l-operatur tal-ajrudrom għandu jippreżenta rapport ta' segwitu li jipprovdi d-dettalji tal-azzjonijiet li l-operatur tal-ajrudrom ikun beħsiebu jieħu biex jipprevjeni okkorrenzi simili fil-futur. Ir-rapport ta' segwitu għandu jiġi ppreżentat malli dawk l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati u għandu:

(1) jintbagħat lill-entitajiet rilevanti li inizjalment ġew irrapportati f'konformità mal-punti (b) u (c);

(2) jsiru fil-forma u l-manjiera stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti.";

(c) il-punt ADR.OR.D.005(b), il-punt (11) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(11) funzjoni għall-monitoraġġ tal-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti u l-adegwatezza tal-proċeduri; il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons dwar is-sejbiet lill-maniġer responsabbli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi, kif meħtieġ.";

(d) il-punt ADR.OR.D.025 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ADR.OR.D.025 Koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħrajn**

L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:

(a) is-sistema ta' mmaniġġjar tagħha tindirizza l-koordinazzjoni u l-interfaċċa mal-proċeduri tas-sikurezza ta' organizzazzjonijiet oħra li joperaw jew jipprovdu servizzi fl-ajrudrom;

(b) dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċeduri ta' sikurezza biex jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll mal-manwal tal-ajrudrom stabbilit u miżmum f'konformità mal-punt ADR.OR.E.005 ta' dan l-Anness.";

(e) il-punt ADR.OR.D.027 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ADR.OR.D.027 Programmi ta' sikurezza u kumitati għas-sikurezza tal-ajrudromi**

(a) Bħala parti mis-sistema ta' mmaniġġjar tiegħu, l-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi programmi ta' sikurezza, jimplimentahom u jmexxihom biex jippromwovi u jtejjeb is-sikurezza, inkluż is-sikurezza tar-runway, u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għas-sikurezza mal-organizzazzjonijiet rilevanti kollha li joperaw jew jipprovdu servizzi fl-ajrudrom. L-operatur tal-ajrudrom għandu jirrieżamina l-effettività tal-programmi ta' sikurezza tiegħu tal-inqas darba f'sena.

(b) Bħala parti mill-programmi tas-sikurezza msemmija fil-punt (a), l-operatur tal-ajrudrom għandu:

(1) jistabbilixxi l-funzjonament tat-tim lokali għas-sikurezza tar-runway u ta' kumitati oħra għas-sikurezza tal-ajrudromi, imexxihom u jkun responsabbli minnhom;

(2) titlob lill-organizzazzjonijiet rilevanti kollha li joperaw jew jipprovdu servizzi fl-ajrudrom biex jipparteċipaw fit-tim lokali għas-sikurezza tar-runway u f'kumitati oħra għas-sikurezza tal-ajrudromi permezz ta' rappreżentanti nominati li jkollhom għarfien espert operazzjonali xieraq u adattat, rilevanti għas-suġġett tat-tim lokali għas-sikurezza tar-runway jew tal-kumitat(i) għas-sikurezza tal-ajrudromi rispettivament.

(c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li:

(1) it-tim lokali għas-sikurezza tar-runway u l-kumitati l-oħra għas-sikurezza tal-ajrudrom isejħu laqgħat b'mod regolari, li l-frekwenza tagħhom għandha tiġi ddeterminata [mill-inqas] abbażi ta':

(i) id-densità tat-traffiku tal-ajrudromi;

(ii) il-kumplessità tat-tqassim tal-ajrudrom;

(iii) it-tipi ta' operazzjonijiet;

(iv) l-okkorrenzi tas-sikurezza fl-ajrudrom u r-riskji potenzjali identifikati mill-analiżi tagħhom;

(2) il-proposti u l-azzjonijiet tat-tim lokali għas-sikurezza tar-runway u tal-kumitati l-oħra għas-sikurezza tal-ajrudrom jiġu rreġistrati fi pjan ta' azzjoni u jiġu segwiti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom fil-ħin.

(d) It-tim lokali għas-sikurezza tar-runway u l-kumitati l-oħra għas-sikurezza tal-ajrudrom għandhom:

(1) jappoġġaw l-identifikazzjoni u r-rieżami multidixxiplinari ta' kwistjonijiet tas-sikurezza lokali, speċjalment fir-rigward tas-sikurezza tar-runway;

(2) jipproponu miżuri ta' mitigazzjoni possibbli u pjanijiet ta' azzjoni rilevanti li għandhom jiġu implimentati mill-organizzazzjonijiet ikkonċernati biex tissaħħaħ is-sikurezza;

(3) jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġu żviluppati kampanji lokali regolari ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza u programmi konġunti ta' taħriġ għall-persunal tal-organizzazzjonijiet rilevanti kollha.

(e) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta proċedura jew proċeduri biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-punti (a) sa (d).";

(f) fil-punt ADR.OR.D.030, jiżdied il-punt (ab) li ġej:

"(ab)L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi arranġamenti ta' rapportar mal-organizzazzjonijiet kollha li joperaw jew jipprovdu servizzi fl-ajrudrom li l-attivitajiet jew il-prodotti tagħhom jista' jkollhom effett fuq is-sikurezza tal-inġenji tal-ajru.";

(g) fil-punt ADR.OR.F.055, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) L-organizzazzjoni responsabbli mill-forniment tal-AMS għandha tiżgura li kwalunkwe okkorrenza tiġi rrapportata lill-persuna li twettaq funzjoni marbuta mal-ġestjoni tas-sikurezza tal-operatur tal-ajrudrom, f'konformità mal-Artikolu 4(6), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 376/2014.";

(4) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt ADR.OPS.B.011 li ġej:

"**ADR.OPS.B.011 Tneħħija ta' inġenju tal-ajru diżabilitat**

(a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi pjan għat-tneħħija ta' inġenju tal-ajru diżabilitat fiż-żona ta' moviment jew maġenbha, u jaħtar koordinatur tal-ajrudrom biex jimplimenta l-pjan.

(b) Il-pjan ta' tneħħija tal-inġenju tal-ajru diżabilitat għandu jinkludi dan li ġej:

(1) id-dettalji ta' kuntatt tal-koordinatur tal-operazzjonijiet tal-ajrudrom għat-tneħħija ta' inġenju tal-ajru diżabilitat fiż-żona ta' moviment jew maġenbha;

(2) ir-responsabbiltajiet, l-azzjonijiet u l-linji ta' komunikazzjoni għal kull organizzazzjoni involuta;

(3) il-lista tat-tagħmir u lista tal-persunal fl-ajrudrom, jew fil-viċinanza tiegħu, li jkunu disponibbli għal dan l-għan;

(4) kwalunkwe arranġament biex jitwasslu malajr kits tat-tagħmir għall-irkupru tal-inġenji tal-ajru disponibbli minn ajrudromi oħra, kif applikabbli.";

(b) il-punt ADR.OPS.B.070 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ADR.OPS.B.070 Xogħlijiet ta' sikurezza fl-ajrudrom**

(a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta proċess għall-immaniġġjar tas-sikurezza operazzjonali tal-ajrudrom filwaqt li jsiru x-xogħlijiet fiż-żona ta' moviment.

(b) Il-proċess għandu jistabbilixxi u jiddokumenta r-responsabbiltajiet fir-rigward ta':

(1) l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu x-xogħlijiet;

(2) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla proposta fil-faċilitajiet operazzjonali;

(3) id-data u l-ħin meta l-operazzjonijiet fil-faċilitajiet ikunu se jiġu limitati jew jitwaqqfu;

(4) il-metodi li bihom jiġu promulgati dawn il-bidliet;

(5) is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol li jkun għaddej;

(6) il-konformità mar-regoli rilevanti kollha dwar is-sikurezza taż-żona ta' moviment.

(c) Il-proċess għall-immaniġġjar tas-sikurezza operazzjonali tal-ajrudrom matul ix-xogħlijiet għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(1) il-proċedura tal-ippjanar tax-xogħlijiet;

(2) il-proċedura għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-bidliet ippjanati fl-operazzjonijiet jew fis-sistemi tal-ajrudrom;

(3) il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tax-xogħlijiet;

(4) il-proċedura għall-promulgazzjoni ta' informazzjoni relatata max-xogħlijiet;

(5) il-proċedura għall-istabbiliment tas-sit tax-xogħol u r-ritorn tal-operazzjonijiet;

(6) il-proċedura għall-monitoraġġ, is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħlijiet.

(d) Meta jkunu meħtieġa operazzjonijiet b'runway qasira minħabba x-xogħlijiet, l-operatur tal-ajrudrom għandu jiżviluppa u jimplimenta proċedura għal dawn l-operazzjonijiet.";

(c) jiddaħħal il-punt ADR.OPS.B.071 li ġej:

"**ADR.OPS.B.071 Runways u taxiways magħluqa, jew partijiet minnhom**

(a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li l-immarkar li jindika żona magħluqa jintwera fuq:

(1) runway jew taxiway, jew parti minnhom, li tkun magħluqa b'mod permanenti għall-użu mill-inġenji tal-ajru kollha;

(2) runway jew taxiway jew parti minnhom li tkun magħluqa temporanjament, biss dan l-immarkar jista' jitħalla barra meta l-għeluq ikun għal żmien qasir u tiġi pprovduta twissija adegwata mis-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(b) B'deroga mill-punt (a), l-immarkar li jindika żona magħluqa ma għandux għalfejn jintwera fuq taxiway magħluqa b'mod permanenti, jew fuq partijiet minnha, jekk id-dħul għat-taxiway magħluqa, jew għal partijiet minnha, ikun immarkat u mdawwal bi dwal u markaturi li juru nuqqas ta' servizzjabbiltà.

(c) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li meta runway jew taxiway, jew parti minnhom, tkun magħluqa b'mod permanenti, l-immarkar kollu tar-runway u tat-taxiway jitneħħa fiżikament.

(d) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li d-dawl fuq runway jew taxiway magħluqa, jew parti minnhom, ma jinxteħelx, għajr kif meħtieġ għall-finijiet ta' manutenzjoni.

(e) L-operatur tal-ajrudrom għandu jiżgura li minbarra l-immarkar li jindika żona magħluqa, meta runway, taxiway, jew parti minnhom, tkun magħluqa u tiġi interċettata permezz ta' runway jew taxiway li tista' tintuża billejl, għandhom jitqiegħdu dwal li juri nuqqas ta' servizzjabbiltà fid-daħla taż-żona magħluqa.";

(d) il-punt ADR.OPS.B.090 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ADR.OPS.B.090 Użu tal-ajrudrom minn inġenji tal-ajru li jaqbżu l-karatteristiċi ċċertifikati tad-disinn tal-ajrudrom**

(a) Sabiex l-ajrudrom jew partijiet minnu jkunu jistgħu jintużaw minn inġenju tal-ajru li jaqbeż l-ittra tal-kodiċi jew it-tul bejn it-truf tar-roti esterni fl-attrezzatura ewlenija, jew it-tnejn li huma, tal-karatteristiċi ċċertifikati tad-disinn tal-ajrudrom, l-operatur tal-ajrudrom għandu japplika għall-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità Kompetenti; din l-approvazzjoni mhijiex meħtieġa għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza tal-inġenji tal-ajru

(b) Fit-talba għall-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità Kompetenti għall-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (a), l-operatur tal-ajrudrom għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-karatteristiċi tal-inġenju tal-ajru li ġejjin fuq l-infrastruttura tal-ajrudrom, il-faċilitajiet, it-tagħmir u l-operat tiegħu, u viċi versa:

(1) it-tul bejn it-truf tal-ġwienaħ;

(2) it-tul bejn it-truf tar-roti esterni fl-attrezzatura ewlenija;

(3) il-bażi tar-roti;

(4) it-tul tal-qafas tal-ajruplan;

(5) il-wisa' tal-qafas tal-ajruplan;

(6) l-għoli tal-qafas tal-ajruplan;

(7) il-ġeometrija tal-qalba tal-ajruplan;

(8) l-għoli tad-denb;

(9) l-ispazju vertikali mit-tarf tal-ġewnaħ;

(10) id-dehra mill-kabina tal-pilota;

(11) id-distanza mill-pożizzjoni tal-għajnejn tal-bdot sal-qalba tal-attrezzatura għall-inżul;

(12) it-tqassim tal-attrezzatura għall-inżul prinċipali;

(13) is-sistema tal-isteering tal-attrezzatura;

(14) il-massa massima tal-inġenju tal-ajru;

(15) il-ġeometrija tal-attrezzatura għall-inżul, il-pressjoni tat-tajers u l-valuri tal-klassifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

(16) il-karatteristiċi tal-magna;

(17) il-kapaċità massima tal-ġarr tal-passiġġieri u tal-fjuwil;

(18) il-prestazzjoni tat-titjira."

(e) jiżdiedu l-punti ADR.OPS.B.095 u ADR.OPS.B.100 li ġejjin:

"**ADR.OPS.B.095 Hotspots**

(a) Kull meta jkun meħtieġ, l-operatur tal-ajrudrom għandu jiddeżinja post jew diversi postijiet fiż-żona ta' moviment tal-ajrudrom bħala "hotspot(s)", bħala parti mill-programm tas-sikurezza li jkun stabbilixxa f'konformità mal-ADR.OR.D.027.

(b) Ladarba tkun ġiet identifikata hotspot, l-operatur tal-ajrudrom għandu jimplimenta miżuri biex ineħħi l-periklu, u jekk dan ma jkunx possibbli minnufih, jipprovdi d-*data* ajrunawtika rilevanti lill-unità tas-servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika (AIS) responsabbli għall-pubblikazzjoni fil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni ajrunawtika (AIP).

**ADR.OPS.B.100 Sospensjoni tal-operazzjonijiet tar-runway u l-għeluq tar-runway**

(a) L-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplimenta proċeduri għas-sospensjoni temporanja tal-operazzjonijiet tar-runway jew tal-għeluq ippjanat tar-runway f'kooperazzjoni mas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(b) Il-proċeduri għandu jkun fihom dan li ġej:

(1) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operatur tal-ajrudrom, tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u ta' organizzazzjonijiet oħra involuti fl-operazzjonijiet tal-ajrudrom, skont is-sitwazzjoni;

(2) l-aċċess tal-persunal għar-runway magħluqa;

(3) il-miżuri tas-sikurezza f'konformità mal-punti ADR.OPS.B.070 u ADR.OPS.B.071;

(4) il-pubblikazzjoni ta' NOTAM f'konformità mal-punt ADR.OPS.A.057, għajr meta jkun mistenni li s-sospensjoni tal-operazzjonijiet tar-runway tkun għal żmien qasir;

(5) azzjonijiet qabel ma jerġgħu jibdew l-operazzjonijiet tar-runway.";

(f) jiddaħħal il-punt ADR.OPS.C.011 li ġej:

"**ADR.OPS.C.011 Operazzjonijiet b'tagħbija żejda**

Kull meta l-ajrudrom ikun mistenni li jintuża regolarment minn inġenji tal-ajru li jistgħu jagħmlu l-ħsara lill-bankini, l-operatur tal-ajrudrom għandu jistabbilixxi l-kriterji għall-operazzjonijiet b'tagħbija żejda.".